# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NUMRU 2 2 4 6

### Chairman: Dr Leslie Cuschieri Cert.Dip.Stud., LL.D.

**Kaz Numru 2828/LC**

**Fil-kwistjoni tax-Xoghol bejn**

**Francis sive Frank Cassar**

**vs**

**Saint James (Capua) Hospital Limited**

**dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta**

Illum 15 ta' Ottubru 2013

Dan il-kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali b'rikors ta' Francis Cassaripprezentat fir-Registru tal-Qorti fis-6 ta' Settembru 2010 tramite l-avukat Dottor Owen Bonnici. Ghall-iskopijiet ta' Artikolu 78 ta' Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta jinghad li dan il-kaz ma setghax jigi deciz fiz-zmien moghti bil-ligi minhabba li l-gbir tal-provi ha fit-tul.

DIKJARAZZJONIJIET

Ir-Rikorrent jghid li huwa kien gie impjegat mas-socjeta' intimata fil-klassi ta' *Night Receptionist* fuq bazi indefinite fit-30 ta' Awwissu 2008; imbaghad fis-6 t'Awwissu 2010 ix-xoghol tieghu gie tterminat bl-iskuza ta' redundancy, b'dan li huwa kellu jahdem sal-31 ta' Awwissu 2010, mentri jallega li din hi tkeccija ingusta. Huwa talab kumpens pekunjarju. Fl-*istatement of case* teighu, ir-rikorrent zied jghid li apparti li kien *Night receptionist* kien inghata xoghol ta' *Security* ukoll, u dan peress li kienu jafu li huwa kien hadem fi-korp tal-pulizija. Jghid li huwa qatt ma qala' *warning*. Jghid li f'Awwissu 2010 il-

General Manager infurmah li kienu ser jitterminawlu l-impieg peress li ma kienx ser ikun hemm aktar impjegati fis-Security. Jghid li x-xoghol ta' *Security* kien "*over and above*" ix-xoghol proprja ta' *Night Receptionist.* Jghid li kull xoghol li kien ikun ghan-*Night Reception* huwa kien jaghmlu kollu. Jghid li kien hemm impjegati *Day Receptionsists* ukoll, u Marisa Borg, Daniel Cauchi u haddiem iehor ismu ma jafux kienu dahlu *receptionists* warajh, u malli huwa spicca mill-impieg, xogholu ta' *Night Receptionist* beda jaghmlu l-imsemmi Daniel Cauchi.

Il-kumpanija intimata rrispondiet b'Dikjarazzjoni fejn tghid li r-rikorrent gie impjegat mal-isptar bhala *Night Receptionist* fuq kuntratt indefint li beda mit-30 t'Awwissu 2008; izda f'Awwissu 2010 il-kumpanija hadet decizjoni biex taghmel re-organizzazzjoni tad-dipartimenti fl-isptar bir-rizultat li r-rwol ta' *night receptionst* fi hdan l-istess sptar gie abolit. Jinghad li r-rwol ta' *Night Receptionist* gie abolit ghaliex bhala parti mir-re-organizzazzjoni tal-isptar inholoq rwol gdid fi hdan l-isptar li ha post id-dipartiment ta' *Night Receptionst* u ta' dipartimenti ohra, liema rwol gdid nghata l-istem ta' *Liaison Officer*, li ghandu responsabbiltajiet u funzjonijet kompletament differenti minn dawk ta' *Night Receptionist*. Jinghad li l-isptar prova jaghti tahrig lill-appellant biex ikollu l-possibilta` li javvanza fil-karriera tieghu izda r-rikorrent irrifjuta t-tahrig; di piu` r-rikorrent kellu l-possibilita` li japplika ghar-rwol ta' *Liaison Officer* u ghar-rwol ta' Car Park Attendant, izda ebda rwol alternattiv iehor. Peress li gie abolit il-grad ta' *Night Receptionist* l-impieg tar-rikorrent kellu jigi terminat minhabba redundancy. Ir-rikorrent thallas tan-'notice', u ghalhekk it-terminazzjoni tal-impieg tar-rikorrent kienet skond il-ligi.

<u>PRELIMINARI</u>

Fl-ewwel seduta, li nzammet fit-2 ta’ Novembru 2010, dan it-Tribunal stieden lill-partijiet sabiex jesploraw il-possibilita` ta’ ftehim bonarju, izda l-partijiet ma qablux.

<u>IL-PROVI MIGJUBA</u>

Il-kumpanija intimata bdiet il-provi taghha billi ressqet lil Nicholas Balzan, Human Resources Manager ma' St James Hospital, li kkonferma li r-rikorrent gie impjegat biex imexxi l-front office tal-isptar bil-lejl, u jaghmel rondi ghal skopijiet ta' sigurta`. Jghid li l-kumpanija riedet tohloq rwol gdid ta' Liaison Officer fejn il-persuna ma taghmilx ix-xoghol ta' security, imma max-xoghol ta' reception taghmel xoghol iehor li fih elementi ta' accounts, insurance covers, hrug ta' kontijiet, tircievi hlasijiet, hrug ta' medical reports, u ohrajn. Qabel sar dan it-tibdil, dawn l-affarijiet kienu jsiru matul il-gimgha biss fil-hinijiet tal-officju minn *medical secretaries,* mentri issa dan is-servizz kellu jibqa' ghaddej 24 siegha kull jum u f'kull jum tal-gimgha, inkluzi s-Sibt u l-Hadd. Anke l-grad ta' *medical secretaries* gie abolit, pero` d-*day receptionists* baqghu. Dawk iz-zewg impjegati li kienu *medical secretaries* hadu training u dahlu fi rwoli ohra. *Night receptionists* kien hemm tnejn ukoll: ir-rikorrent u certu Joe Muscat li kienu ilu jaghmel dak ix-xoghol qabel ir-rikorrent. F'Awwissu 2010 kien hemm bzonn *car-park attendant* u harget *notice* ghal min ried japplika: Muscat u r-rikorrent applikaw, u applika xi hadd iehor, imma intaghzel Muscat. Jghid li xi zmien qabel il-kumpanija ghamlet kors ghall-programm tal-kompjuter Compucare li hija s-sistema integrata uzata mill-computers kollha tal-isptar, u kien essenzjali li l-haddiema kollha jkunu jafu jhaddmu dan il-programm: jghid li r-rikorrent beda jaghmel il-kors u kien qed jithallas talli kiene qed jaghmel il-kors, izda f'nofs triq waqaf jiehu l-kors. Min ried ikun *liaison officer* kien jehtieglu jkun jaf ihaddem il-Compucare. Jghid li hemm 4 liaison officers b'shift ta' 12-il siegha ta' DAY-NIGHT-REST-OFF, u kien qed jigi ttrenjat il-hames wiehed biex jirrimpjazza lil min ma jidholx ghax-xoghol. Jghid li wara li r-rikorrent inghata n-notice, kien ghad baqa' l-possibilita` li jsir car-park attendant, imma aktar tard infurmawh li l-post inghata l-haddiehor, u r-rikorrent qalilhom li ser imur fuq sick-leave u ma kienx ser jattendi iktar xoghol; kien ghad fadallu jahdem xi darbtejn ohra u ma hadimhomx bla ma ghaddielhom certifikat mediku.

In kontro-ezami jghid li Daniel Cauchi kien jahdem bhala day-receptionist, kien ittrenja biex jahdem bhala liaison officer imma x-xoghol ma kienx jghodd

ghalih ghax ma addattax ruhu ghan-*night shifts*. Ghalhekk rega' beda jahdem ta' *day receptionist*. Dwar recommendation letter li huwa kiteb ghar-rikorrent fejn huwa ddeskriva x-xoghol tar-rikorrent bhala Security, ix-xhud ikkonferma li l-impieg tar-rikorrent kien ta' *Night Receptionist*, izda kien jiehu hsieb is-sigurta wkoll. Jghid li r-rikorrent kien l-uniku impjegat li baqa' bla xoghol alternattiv. Id-*day receptionists full-time* kollha zammew posthom; kien hemm wahda casual part timer li spiccat. Grad ta' security officer qatt ma ezista.

Brian Bondin xhed li huwa kien il-general manager sa mill-2008, u kien taht l-impressjoni li r-rikorrent kien Security Officer, imma recentement sar jaf li ufficjalment kien gie impjegat bhala Night Receptionist. Oltre xoghol ta' security, huwa kellu ftit rwoli ohra, bhal jibdel ic-cilindri tal-ossignu, jew jircievi hlas fuq kontijiet li jkunu hargu l-out-patients. Jghid li meta r-rikorrent jew Joseph Muscat kienu ikunu ma jifilhux kienu jigu rimpjazzati b'security officer minn ghand J.F. Security. Kien hemm okkazjonijiet li xogholhom kien jaghmlu xi hadd mill-ambulance-drivers. Jghid li fl-2010 is-sistema kellha tinbidel ghax beda diehel xoghol minn barra fejn kien necessarju li malli jkun diehel il-pazjent jigi ccekkjat jekk l-insurance li kellu tkoprihx biex jidhol bhala in-patient jew le, u dan anke jekk ikun ser jidhol matul il-lejl jew fil-weekend. Jghid li x-xoghol ta' liaison officer kien specifiku u difficli, tant li zewg day-receptionists, Daniel u Elona, hadu training ghalih u hadu l-grad, imma wara ftit zmien raw li ma setghux jifilhu ghalih u regghu lura fuq ix-xoghol li kellhom qabel. Jghid li l-kumpnija qatt ma kellha x'tilmenta mir-rikorrent, u kien difficli ghalih jghid lir-rikorrent li l-impieg tieghu kien qed jigi terminat. Jghid li Marisa Borg kienet *casual part-time day receptionist* imbaghad hadet il-grad ta' liaison officer.

Ir-rikorrent xhed u beda billi spjega li huwa kien ghamel 5 snin kuntistabbli u aktar minn 20 sena surgent. Jghid li bhala *night receptionist* kellu jaghmel ix-xoghol kollu li kienu jaghmlu d-*day receptionists*, pero` b'zieda ma' dan kien tawh l-inkarigu jiehu hseib is-security ukoll. Jghid li kien jilqa' nies kemm

ghall-emergenza, kemm out-patients li kien jehodhom ghand l-ispecjalista` li jkun ser jarahom, kif ukoll pazjenti li jkunu ser jigu admitted bhala in-patients. Meta kienu jigu relased pazjenti kien isibilhom il-kont, jitlobhom il-hlas u jircievi l-hlas. Il-hlas kien jaqsmu bejn dak li kien tal-isptar u dak li kien tal-ispecjalisti. Bhala security kien jiccekkja thallewx dwal mixghulin jew bibien mhux imsakkra, jaghlaq certi bibien jew twieqi ohra, jitfi certi makni, jibdel ic-cilindri tal-ossignu u jiehu hsieb jaghlaq u jiftah il-main door; pero` l-parti l-kbira tax-xoghol kien reception. Dwar il-waqfien tal-kors tal-Compucare, ir-rikorrent jispjega li kemm dam fl-impieg gew offruti lilu zewg korsijiet: wiehed tal-gas-handling li ghamlu kollu, u l-iehor dwar il-Compucare li kellu jwaqqfu fin-nofs ghaliex kellu problema bil-karozza u ma setax ikompli jigi ghalih matul il-gurnata (bil-lejl kien qed juza l-karozza ta' bintu ghax-xoghol). Jghid li l-kors jew tahrig kienet qed itihulu s-supervisor tieghu certa Lucienne, u hu informa lilha bil-problema li nholqitlu tal-karozza. Huwa ppretenda li din tavza lis-superjuri taghha b'din il-problema, u kien qed jifhem li din m'ghamlitx hekk ghaliex il-managers kienu jitrattaw l-akkadut bhala li waqqaf il-kors kapriccozament. Jghid li madankollu huwa kien diga' jaf ihaddem il-computer tal-isptar sew u diga' kien qed juzah regolarment. Jghid li ma applikax ghal liaison officer ghax fil-'job-description' kien hemm miktub li din il-kariga kienet taqa' fid-Dipartiment tal- "back-office", u ma sthajjilx li kienet ser teffettwa lilu li kellu xoghol fil- "front-office". Jghid li kien inholoq officju fil-back-office ghal min kien ser jintaghzel liaison officer, u qatt ma basar li l-liaison officer kien ser jiehu x-xoghol tan-*night receptionist* fil-front-office. Jghid li pero` kieku x-xoghol gie offrut lilu kien jiehdu. Imbaghad irrealizza li x-xoghol li kien indikat ghall-liaison officer kien xoghol li huwa kien diga' qed jaghmlu, imma meta nduna kienu diga' intaghzlu Daniel Cauchi u Marisa Borg bhala liaison officers. Dawn kienu dahlu jahdmu mal-kumpanija intimata xhur warajh, kif dahal warajh haddiem iehor li sar liaison officer ukoll, imma ma kienx jaf x'jismu. Meta moqrija lilu l-lista tal-inkarigi li kien ser ikollhom il-liaison officers, ir-rikorrent ikkonferma li huwa kien diga' jaghmilhom kollha.

Christian Borg, ufficjal tal-Korporazzjoni ETC, xhed permezz ta' affidavit, fejn indika d-dati ta' meta gew impjegati r-rikorrrent, Daniel Cauchi u Marisa Borg,

u meta spiccaw mill-impieg ma' St James (Capua) Hospital. Madankollu wiehed irid jara wkoll il-job-history ta' dawn il-persuni ghaliex dawn juru li dawn it-tliet haddiema gieli tpoggew fuq il-kotba ta' St James Hospital, izda l-impjegati baqghu fl-impieg originali taghhom. Minn dawn il-job-histories jirrizulta li Daniel Cauchi gie impjegat wara r-rikorrent bhala Front Office Reception, u baqa' jidher hekk sal-lum. Marisa Borg ukoll dahlet wara r-rikorrent bhala part time receptionist, imbaghad qalbet liaison officer f'Ottubru 2010; jirrizulta wkoll li r-rikorrent kien diga' sab impieg alternattiv madwar xahar wara li kien gie terminat l-impieg mas-socjeta` intimata.

Marisa Borg telghet tixhed u bazikament qalet li meta kienet reception kienet tiltaqa' mal-outpatients biss mentri meta saret liaison officer zdidilha hafna x-xoghol li kien jinkludi kuntatt ma' inpatients, accounts, jiccekkjaw insurances. Tghid li biex qalbet minn receptionist ghal liaison officer ghamlet kors ta' xahar li fih hadet training minghajr ma hadmet. Taf li liaison officers ohra li hadu t-tahrig kienu Sandro Farrugia, Ryan u Keith.

Daniel Cauchi xhed li huwa kien jghati hand-over lir-rikorrent meta jispicca, imma fil-ghodu ma kienx jiehu hand-over minn ghand ir-rikorrent ghaliex kien jidhol ghax-xoghol saghtejn wara li jispicca r-rikorrent. Jghid li huwa applika biex jahdem liaison officer izda x-xoghol sabu difficli peress li kien jinvolvi accounts ikkumplikati li sabhom difficli. Jghid li wara tliet xhur mar lura bhala receptionist. Ikkalkola li huwa ghamel 3 xhur liaison officer fis-Sajf 2010, jghid f'xi Awwissu u Settembru. Il-paga tieghu baqghet l-istess meta bidel ix-xoghol. Jghid li d-differenza fix-xoghol kienet kbira ghaliex bhal liaison officer kellu jiehu hsieb ukoll admission ta' pazjenti, jikkuntattja lill-insurance tal-pazjent, jipprapara l-kontijiet tal-pazjenti, u accounts. Jghid li lir-rikorrent jafu bhala security li kien jiehu over is-shift ta' bil-lejl. Jghid li bil-lejl kien ikun hemm xoghol simili fir-reception ghal dak li jkun hemm matul il-jum, izda l-volum ikun ferm inqas, u l-anqas kien jiehu bookings.

<u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Fit-trattazzjoni ta' dan il-kaz tqajmet il-kontroversja dwar jekk ir-rikorrent kienx *night receptionist* jew *security officer*: jirizulta li kien *night receptionist* li assuma doveri ta' sigurta` minhabba l-passat li kellu fil-korp tal-pulizija. Pero jirrizulta li l-kumpanija intimata kien jehtigilha taghmel riorganizzazzjoni ta' certi setturi tal-haddiema, inkluz li s-sigurta' tigi *out-sourced* lil kumpanija ohra. Hareg li night receptionist kellu inqas xoghol minn day receptionist, imma r-rikorrent kien jimla l-hin billi jaghmel xoghol ta' security. Jidher li r-rikorrent kien jinteressa ruhu fix-xoghol li kien ikun mehtieg isir, anke jekk ma jkunx jaqa' taht id-doveri tieghu, u allura gieli ghamel xoghol li kien simili ghal dak li kien ser jehtigilhom jaghmlu l-liaison officers. Frank Cassar jghid li hu kien diga' jaghmel ix-xoghol kollu indikat fil-job description tal-liaison officers, mentri dawk fit-tmexxija tal-kumpanija intimata kienu xettici minn dan peress li anqas is-software tal-Compucare ma kien tghallem ihaddmu kollu.

Dan it-Tribunal ihoss li r-riorganizzazzjoni maghmula mill-kumpanija intimata kienet wahda genwina, izda jidher li l-kumpanija ma xtaqitx izzomm lir-rikorrent fil-front office taghha. Jista' jaghti l-kaz li Frank Cassar kien minghalih qed jaghti l-pariri u kien jispicca jindahal fejn ma jesghux; jista' jaghti l-kaz li r-rikorrent kien ikun wisq intimidanti meta kontinwament ifakkar lil kulhadd li huwa ghamel zmien twil surgent tal-pulizija, izda li hu cert hu li l-kumpanija ma lmentatx f'dan is-sens quddiem dan it-Tribunal, u allura dan it-Tribunal irid jinvestiga biss jekk ir-*redundancy* tar-rikorrent kinitx wahda gusitifikata skond il-ligi. Brian Bondin jghid li sabha difficli jghid lir-rikorrent li l-impieg tieghu kien ser jigi terminat, ghax wara kollox kien l-uniku impjegat li ma nstablux impieg alternattiv. Il-kumpanija hajret lir-rikorrent japplika ghal car-park attendant, kif fil-fatt ghamel, imma ma hajritux japplika ghal liaison officer; irrispettivament mill-fatt jekk ir-rikorrent kienx gustifikat li "jahseb" li l-*liaison officer* kien ser jahdem fil-back-office biss, ma jirrizultax li l-kumpanija kienet disposta toffri dan ix-xoghol lir-rikorrent bhal ma offrietlu ta' *car-park attendant*. Aghar minn hekk jirrizulta li fiz-zmien li l-impieg tar-rikorrent kien qed jigi tterminat, f'Awwissu 2010, Daniel Cauchi telaq il-kariga

ta' Day Reception u beda jahdem ta' *liaison officer*; ghalkemm huwa veru li wara tliet xhur dan Daniel Cauchi ma setax ikampa u mar lura fir-Reception, f'dawk it-tliet xhur kien hemm vakanza ghal Day Receptionist, u r-rikorrent ma giex imhajjar jidhol ghal dik il-kariga bhal ma gie mhajjar japplika ghal *car-park attendant*. Dan kollu jwassal biex dan it-Tribunal ma jkunx konvint li l-impieg tar-rikorrent kien terminat biss minhabba riorganizzazzjoni; anzi huwa konvint li l-kumpanija ma xtaqitux jiehu impieg alternattiv. Gialadarba l-kumpanija intimata kellha vakanza ghal xoghol prattikament fl-istess grad (ta' Day Receptionist), hija kellha tinforma lir-rikorrent biha u toffrihielu, jew ghall-inqas thajru japplika ghal dik il-kariga jekk harget sejha, imma dan m'ghamlitux.

DECIZJONI

Ghaldaqstant, wara li dan it-Tribunal ra l-atti kollha ta' dan il-kaz, it-Tribunal qieghed jiddeciedi u jiddikjara li t-terminazzjoni tal-impieg tar-rikorrent ma kinitx gustifikata skond il-ligi. It-Tribunal ra l-hlas li kien jircievi r-rikorrent u li huwa dam bla impieg ftit aktar minn xahar, u fic-cirkostanzi jordna lis-socjeta` intimata thallas lir-rikorrent kumpens ta' elf Euro (€1,000) sa zmien xahar mill-lum. Ghall-finijiet tal-Kap 452 tal-ligijiet ta’ Malta rigwardanti drittijiet tad-difensuri tal-partijiet, dawn qed jigu ffissati fl-ammont ta’ tlieta u disghin Euro (€93.00). B’hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

Dr Leslie Cuschieri
Chairman